MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1592/2004

**Joseph Buttigieg u Carmel sive Lino Farrugia fil-kwalita` taghhom bhala President u segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti**

**vs**

**Emmanuel Attard ezercitanti tal-kummerc taht l-isem Guns & Target**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlieta u ghoxrin lira (Lm23.00) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar fil-pubblikazzjoni "Mid-Dura" u servizzi ancillary, rezi fuq ordni tal-konvenut, liema hlas baqa' ma sarx;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 23 ta' Gunju, 2004 u nteressi legali mid-data meta gie rezi s-**

**servizz de quo sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-30 ta' Settembru, 2004, fejn intqal illi r-reklamar ma sarx skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet u kwindi hemm ksur tal-obbligazzjoni assunta mill-atturi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Lino Farrugia, Noel Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. din il-kawza qed ssir ghal-hlas ta' tlieta u ghoxrin lira (Lm23) prezz ta' servizz ta' reklamar fil-pubblikazzjoni "Mid-Dura".**

**2. il-konvenut fir-risposta tieghu jghid illi r-reklamar ma sarx kif miftiehem.**

**3. Jirrizulta li l-ftehim kien bil-fomm.**

**4. Lino Farrugia ghalbFederazzjoni attrici jghid li r-reklam ordnah Emmanuel Attard. Noel Attard, iben Emmanuel jghid illi t-trattattivi kienu saru mieghu u li hu "salesman"**

**5. Jirrizulta illi l-ilment tal-konvenut huwa dwar illi fl-imsemmija gazzetta fejn hemm ir-reklam ta' "guns and target" ma hemmx mnizzel in-numra tat-telephone u l-indirizz huwa zbaljat peress li minflok 12th May, Francesco Caruana Street, hemm mnizzel 12th, F. Caruana Street. Gie nnutat ukoll li lanqas hemm mnizzel il-fax number.**

**6. It-Tribunal ikkunsidra illi il-reklam in kwistjoni fil-fatt qed jindika il-persuna li jista' jigi kkuntattjat kif ukoll in-negozju. It-Tribunal ma jqiesx illi gie ppruvat illi kien hemm ftehim li jitnizzel ukoll in-numru tat-telephone filwaqt illi l-fatt illi thalliet barra il-kelma "May" huwa insinifikanti daqs kemm hija insinifikanti t-talba odjerna.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-federazzjoni attrici**

**is-somma ta' tlieta u ghoxrin Lira (Lm23) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------